**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2017 – L-Estonja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-157/15)** ([1])

***("FAEG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament — Infiq imwettaq mill-Estonja — Kundizzjonalità — Obbligu ta' motivazzjoni — Proporzjonalità — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Ċertezza legali")***

(2017/C 283/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ir-Repubblika tal-Estonja (rappreżentanti: inizjalment minn K. Kraavi-Käerdi, sussegwentement minn N. Grünberg, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Sauka u E. Randvere, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/103, tas-16 ta' Jannar 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2015, L 16, p. 33), sa fejn hija tirrigwarda l-infiq imwettaq mir-Repubblika tal-Estonja għal ammont ta' EUR 691 746,53.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika tal-Estonja għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 190, 8.6.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Lulju 2017 – Diesel vs EUIPO – Sprinter megacentros del deporte (Rappreżentazzjoni ta' linja bil-kurvi u angolata)**

**(Kawża T-521/15)** ([1])

***["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Talba għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta linja bil-kurvi u angolata — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti li tirrappreżenta l-ittra kbira 'D' — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]***

(2017/C 283/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Diesel SpA (Breganze, l-Italja) (rappreżentanti: A. Gaul, M. Frank, A. Parassina u K. Dani, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Ivanauskas u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Sprinter megacentros del deporte, SL (Elche, Spanja) (rappreżentant: S. Malynicz, QC)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Ġunju 2015 (Każ R 3291/2014-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Diesel u Sprinter megacentros del deporte.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-18 ta' Ġunju 2015 (Każ R 3291/2014-2) hija annullata.*

2) *L-EUIPO huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti minn Diesel SpA.*

3) *Sprinter megacentros del deporte, SL għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

(1) ĠU C 381, 16.11.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Lulju 2017 – Basic Net vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' tliet strixxi vertikali)**

**(Kawża T-612/15)** (1)

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta tliet strixxi vertikali — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009”]***

(2017/C 283/50)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Basic Net SpA (Torino, l-Italja) (rappreżentant: D. Sindico, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-14 ta' Awwissu 2015 (Każ R 2845/2014-1), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta tliet strixxi vertikali bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Basic Net SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 7, 11.1.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Lulju 2017 – Badica u Kardiam vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-619/15)** (1)

***(“Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana — Iffriżar ta' fondi — Deċiżjoni ta' inklużjoni inizjali — Lista tal-persuni u l-entitajiet li japplika għalihom l-iffriżar tal-fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni tal-isem tal-appellanti — Implementazzjoni ta' riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Preżunzjoni ta' innoċenza — Żball manifest ta' evalwazzjoni”)***

(2017/C 283/51)

*Lingwa tal-kawża: il-franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Bureau d'achat de diamant Centrafrique (Badica) (Bangui, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana) u Kardiam (Anvers, il-Belġju) (rappreżentanti: D. Luff u L. Defalque, avukati)